# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX) INFERJURI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Avviż Numru: 9/2015 PC**

**Carmelo Galea**

**vs**

**Franky Xuereb, u**
**Emma Xuereb**

**Illum it-Tlieta, 4 ta' Diċembru 2018**

Il-Qorti,

Rat l-Avviż li permezz tiegħu, l-attur wara li ppremetta:

Illi huwa xtara bi tpartit mingħand il-konvenuta Emma Xuereb, li dejjem pero' kienet rappreżentata minn missierha, il-konvenut Frankie Xuereb, li hu waħdu kien qed jinnegozja mal-attur;

Illi huwa ta l-vettura tat-tip Toyota Vitz bin-numru ta' reġistrazzjoni GBS 037 filwaqt li rċieva l-vettura tat-tip Yaris JCF 001 kif ukoll ħallas is-somma ta' €1800 bħala ekwiparazzjoni;

Illi minkejja l-wegħdiet tal-konvenut u minkejja l-fatt li l-vettura ġiet miflija, irriżulta li l-vettura tat-tip Yaris bin-numru ta' reġistrazzjoni JCF 001 kellha difetti moħbija,u dan kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża;

Talab lill-konvenuti jgħidu għaliex huma jew min minnhom m'għandhomx jigu kkundannati jħallsuh id-danni li jiġu likwidati minn din il-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-konvenuti li permezz tagħha eċċepew:

Illi preliminarjament illi Franky Xuereb huwa totalment estraneu għan-negozju li sar u għalhekk ma għandu l-ebda locus standi judicii f'dan il-każ u kwindi għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti qegħdin iqajmu l-eċċezzjoni tad-dekadenza tal-azzjoni tal-attur stante li l-vettura in kwistjoni ġiet akkwistata bi tpartit mill-attur fil-15 ta' Diċembru 2014 u l-kawża ġiet intavolat biss fit-12 ta' Awwissu 2015 ben oltre l-perijodu ta' sitt xhur minn dak in-nar tal-kunsinna tal-ħaġa mibjugħa ai termini tal-artikolu 1431 et sek tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi inoltre u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet tal-attur huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt;

Illi m'huwiex minnu li l-attur ħallas is-somma ta' elf u tmien mitt ewro (€1800) bħala ekwiparazzjoni iżda kien huwa li irċieva dan l-ammont ta' flus mingħand Emma Xuereb bħala ekwiparazzjoni waqt it-tpartit tal-vettura tat-tip Toyota Yaris bin-numru ta' reġistrazzjoni JCF 001 mal-vettura tat-tip Toyota Vitz bin-numru ta' reġistrazzjoni GBS-037;

Illi l-attur kellu kull opportunita' sabiex jeżamina u jara l-istat li fiha l-vettura JCF 001 kienet tinsab u għandu esperjenza biżżejjed f'dan il-qasam sabiex jagħmel il-valutazzjoni tiegħu tal-vetturi;

Illi matul iż-żmien kollu li din il-vettura damet proprjetara ta' u fil-pussess ta' Emma Xuereb, din ma kienet qatt involuta f'inċident u lanqas ma ġie rikonstrat xi difett jew xi problema fil-vettura;

Illi għalhekk it-talbiet tal-atturi għandhom jiġu kollha miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-Nota tal-Osservazjonijiet tal-konvenuti.

Rat l-atti kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti, l-affidavits u dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-attur qed jirreklama d-danni mingħand il-konvenuti għax qed jgħid li l-vettura li ha bi tpartit mingħandhom kellha difetti moħbija. Preliminarjament il-konvenuti eċċepew li Franky Xuereb mhux il-leġittimu kontradittur tal-attur u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Jirriżulta inkontestat li l-vettura in kwistjoni kienet tappartjeni lill-bintu l-konvenuta l-oħra.[1] Jista' jkun li Franky Xuereb ħa sehem fin-negozjati u għen lil bintu fit-tpartit tal-vetturi rispettivi, imma b'daqshekk ma jfissirx li seta' kellu xi relazzjoni ġuridika mal-attur, ġialadarba l-vettura in kwistjoni ma kenitx tappartjeni lilu. Din l-eċċezzjoni għalhekk sejra tiġi milqugħa.

Fil-mertu mbagħad l-attur qed jilmenta li l-vettura li akkwista bi tpartit mingħand il-konvenuta kellha difett moħbi, billi rriżulta li kienet involuta f'xi ħabta bil-konsegwenza li l-isteering tagħha kien difettuz u jiġbed lejn ġenb. Sa fejn din il-kawża hija bbażata fuq l-artikolu 1431 tal-Kap. 16, għalkemm dan mhux daqstant evidenti, billi l-attur qed

[1] Ara wkoll il-kopja tal-*vehicle history details* ppreżentata mil-attur stess bħala Dok. A, a fol. 35 - 36 tal-proċess

jirreklama d-danni u mhux riduzzjoni fil-prezz, hemm ta' ostakolu għas-suċċess tagħha d-dekadenza taż-żmien li fih messa saret il-kawża.

Infatti l-artikolu ndikat jistipula li:

(1) L-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja jaqgħu bil-preskrizzjoni, għal dawk li huma immobbli, bl-egħluq ta' sena minn dak in-nhar tal-kuntratt, u, għal dawk li huma ħwejjeġ mobbli, bl-egħluq ta' sitt xhur minn dak in-nhar tal-kunsinna tal-ħaġa mibjugħa.

(2) Iżda, jekk ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhirx tal-ħaġa, iż-żminijiet hawn fuq imsemmija tal-preskrizzjoni ma jibdewx igħaddu ħlief minn dak in-nhar li seta' jkun li hu jikxef dak id-difett.

(3) Iż-żminijiet tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmija jimxu kif jingħad fl-artikolu 1407(2).[2]

Din il-vettura għaddiet għand l-attur fil-15 ta' Diċembru 2014.[3] Fuq ammissjoni tiegħu stess in kontro-eżami, jgħid li nduna bid-difett lamentat dakinhhar stess: "*Ftit taż-żmien wara? Filgħaxija rriżultali.*"[4] Mela ż-żmien biex issir il-kawża beda jgħaddi mill-għada stess, biex is-sitt xhur permessi mil-liġi ma jilħqux jiskadu. Din il-kawża ġiet intavolata fit-12 ta' Awwissu 2015, u għalhekk iżjed minn xahrejn tard. L-ittra uffiċċjali msemmjia m'għandhiex tagħmel differenza, għax ma tistax tinterrompi ż-żmien li jkun għaddej billi, kif ġie affermat diversi drabi fil-ġurispudenza, iż-żmien konċess huwa wieħed ta' dekadenza iżjed milli ta' preskrizzjoni.[5]

Jekk imbagħad il-kawża kellha titqies kawża normali għad-danni, fejn allura l-azzjoni ma kenitx għadha ġiet preskritta meta saret il-kawża, xorta waħda ma tistax tirnexxi. Dan għaliex l-attur bħal *car dealer* stabilit f'din il-gżira[6] ma jistax ikun kredibbli meta jgħid li l-vettura in kwistjoni kellha difett moħbi li ma setax jinduna bih. Infatti xehdu persuni oħra li jifhmu fil-karozzi u kkonfermaw li anke minn eżami anke superfiċjali ta' din il-vettura, wieħed seta jinduna li kienu saru xogħolijiet fuq l-isteereing li ma kienux tal-fabbrika. Hekk insibu lil **Anthony Cefai** li kien interessat jakkwista din il-vettura mingħand l-attur, jgħid li:

"... *Ma l-ewwel daqqa t'għajn kienet tidher li ma kenitx affarijiet tal-fabbrika dik, Jiena għalija ndunajt. Jien għidt din naħseb imbabsa.*"[7]

L-istess għamel **Anthony Saliba**, *panel beater*, meta spjega li:

"*Jien x'ħin gabha fejni u soqtha hekk kienet tagħmel, tmur fuq ġenb.*"[8]

---

[2] Dan is-sub-inċiż mhux applikabbli għall-każ in eżami;
[3] Ara kopja tal-ittra uffiċċjali tiegħu ndirizzata lill-konvenuti, u esebita a fol. 2 tal-proċess;
[4] Ara xhieda tiegħu tad-29.09.2016 a fol. 62;
[5] Ara Appell Superjuri: Carmelo Dimech vs Francis Xueeb: 15.12.1997; P.A. Odette Grixti et vs. Mario Rodgers et. 6.02.2015; u sentenzi oħra ċċitat fin-Nota tal-Osservazzjonijiet tal-konvenuti;
[6] Ara l-istess indirizz tiegħu mogħti fl-Avviż u fl-ittra uffiċċjali ta' April 2015;
[7] Ara deposizzjoni tiegħu tad-29.09.2016 a fol. 50;
[8] Ara deposizzjoni tiegħu tal-istess jum a fol. 39.

Għalhekk jirriżulta li għal dak li ġara ma jaħti ħadd ħlief l-attur innifsu, li ta' negozjant li kien għażel li jieħu r-riskju li jaċċetta l-vettura offruta lilu kif inhi bit-tama li xorta waħda jerġa' jbiegħa bi profitt, ħaġa li forsi ma rnexxielhux jagħmel.

Għaldaqstant, filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti u tillibera lill-konvenut Franky Xuereb mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż relattivi kontra l-attur, tilqa' wkoll l-eċċezzjonjiet l-oħra tal-konvenuti u tiċħad it-talbiet attriċi bil-bqija tal-ispejjeż kontra l-attur ukoll.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

04.12.2018 – Avv9.2015 – Galea Carmelo vs Xuereb Franky et
1055